

# Ħarsa lejn xi rċevuti ta' attività mużikali fil-parroċċa tal-Imqabba fl-1937 u l-1938

Rev. Dr Jonathan Farrugia

Snin ilu, f'kaxxa mimlija karti li kienet lesta biex tintrema' b'kollox, kont sibt numru ta' rċevuti li jagħtu ħafna dettalji li s-soltu jiġu injorati fuq attività għaddejja fil-parroċċa tagħna fis-snin Tletin tas-seklu Għoxrin. Dan huwa l-ewwel minn sensiela ta' artikli qosra li se nkun qed nikteb imsawra mill-informazzjoni li jagħtu dawn l-irċevuti. Nifhmu li xi informazzjoni diġà dehret fi studji oħrajn,[1] imma hemm xi spunti ġodda wkoll. Dawn il-ħlasijiet kienu ġew reġistrati fil-kotba tal-kontijiet tal-Veneranda Lampade tal-parroċċa, imma s-sejba ta' dawn l-irċevuti m'għandhiex tiġi sottovalutata minħabba f'hekk, ladarba dawn jiġu d-dokumenti primarji.

Fost il-firmatarji ta' dawn l-irċevuti nsibu l-ismijiet tas-surmastrijiet Vincenzo (Ċensinu) Bugeja (1910-1967) u Ferdinando Falzon (1894-1979), flimkien mal-organista Joseph Galea (1918-1980). Minn dawn Galea biss kien Imqabbi, u huwa l-istess wieħed li kien il-mutur wara l-korp mużikali li għamel l-ewwel esibizzjoni pubblika f'raħalna f'Awwissu 1945, fis-sena li fiha ddebuttaw iż-żewġ għaqdiet mużikali ta' fondazzjoni Mqabbija.

**Il-mużika fil-knisja**

Minn studji li ġa ġew ippubblikati nafu li fl-Imqabba, minn snin twal ilu, il-mużika li tindaqq fil-knisja kienet tgawdi ċerta importanza. Il-knisja ġa kellha orgni fis-sena 1732, li nbidel minn orgni mibni minn Pietri Turiglio fl-1748.[2] Aktar qrib żmienna, ix-xiri tal-orgnijiet ta' ditti Taljani magħrufa fl-1905 u fl-1949 huma xhieda ta' dan l-interess.[3] Nafu wkoll b'okkażjonijiet meta kienu jinġiebu xi strumenti jakkumpanjaw il-kantanti.[4]

Illum il-ġurnata meta nitkellmu fuq "mużika" jiġuna f'moħħna l-festi tal-parroċċa meta jkun hemm orkestra mikrija mill-parroċċa ddoqq, u faċli ninsew bis-servizzi li jingħataw mill-organisti u l-kor parrokkjali tul is-sena kollha. L-irċevuti li se nħarsu lejhom jitkellmu fuq dawn is-servizzi wkoll.

**L-irċevuti ta' Vincenzo Bugeja**

L-eqdem irċevuta li ġiet f'idejja ġejja mill-għada tal-festa tal-1937. Fiha Bugeja, li kien maestro di cappella mill-1936 'il quddiem, irringrazzja lill-"*Pregiatissimo Signor Procuratore A. Ghigo*" għall-ħlas ta' £26 għall-mużika fil-festa titulari ta' Santa Marija tul il-ġranet tat-tridu, lejlet u nhar il-festa.[5] Mill-istess sena nsibu rċevuta oħra ta' £6 għall-mużika li hu mexxa lejlet il-Milied fil-knisja ta' Santa Marija, din id-darba lill-prokuratur Dun Gerard Mangion.[6] Għal xi raġuni għall-festa tal-Milied il-parroċċa kienet taqla' lill-istess *maestro di cappella* tal-festa titulari; jidher ukoll li l-quddiesa tal-vġili tal-Milied kienet issir bl-orkestra wkoll, għax il-kont ta' £6 għal servizz wieħed jiġi bejn wieħed u ieħor daqs servizz wieħed fil-ħames ġranet tal-festa titulari.

Mis-sena ta' wara nsibu żewġ irċevuti oħra ffirmati mill-istess surmast għall-istess żewġ okkażjonijiet. Fl-irċevuta tal-festa, li kienet għall-istess ammont bħas-sena ta' qabel, Bugeja jispeċifika li s-servizz kien jinkludi "*triduo, due vesperi, matutino e messa a piena orchestra*."[7] L-irċevuta għas-servizz tal-Milied għall-1938 kienet ta' £4.10.00, li tħallsu għall-"*musica a voci, voci puerili ed organo*."[8] Is-servizz kien notevolment irħas minn tas-sena ta' qabel, għalhekk nifhmu li flok strumenti żdiedu l-vuċijiet, speċjalment tat-tfal (li jiswew inqas!) biex jitnaqqsu l-ispejjeż.

L-aħħar irċevuta ta' Bugeja ġejja minn xi snin wara, meta kienet għaddiet il-gwerra, fejn naraw li tħallas £8.10.00 nhar id-9 ta' Mejju 1945.[9] Interessanti li din hija l-unika rċevuta ta' mużika miktuba bil-Malti. Fin-nota s-surmast jikkonferma li rċieva ħlas ta' £4.10 għall-"musika eseguita fil festa tal Kaddiesin kolla" u £4 għall-mużika fil-festa tal-Via Scara mingħand il-kappillan Dun Lawrenz Spiteri. Bugeja jispeċifika li s-servizzi saru "fil Knisja Parrokkiali ta S. Maria." Minn din nifhmu li għalkemm il-knisja kienet għadha mwaqqgħa – il-permess mill-Gvern biex jibda x-xogħol tal-bini mill-ġdid ħareġ fl-20 ta' Novembru 1945 – is-servizzi liturġiċi kienu reġgħu bdew isiru b'mod regolari fil-bini mġarraf, u dawn kienu jinkludu anke servizzi ta' mużika kif jixraq. Nifhmu li dak iż-żmien kor parrokkjali ma kienx hemm, għalhekk is-servizzi kienu jsiru dejjem minn barranin meta s-saċerdoti ma setgħux ikantaw.

Dettall kurjuż li jagħtuna dawn l-irċevuti huwa dwar


Doc. 18

129 Str. S. Domenico
Valletta
16 - [illegible] - 37

Ricevo dal Rev.mo Signor Procuratore [illegible] la somma di lire sterline venti sei (£26. 0. 0) per musica solenne nella Chiesa Parrocchiale della Micabiba in occasione della festa titolare di Santa Maria dal dì 11 al 15 Agosto.

Ripeto £26. 0. 0
Con vivi ringraziamenti
Mro. Vincenzo Bugeja

16/8/1937


Doc. 33

26. XII. 37

Ricevo dal M. Rev. Sacerdote Proc. Geraldo Mangion la somma di lire sterline sei per musica eseguita nella Notte di Natale nella Chiesa Parrocchiale di S.ta Maria della Micabiba il dì 24 Dic.

Ripeto £6. 0. 0
Con vivi ringraziamenti
Mro. Vincenzo Bugeja

26/XII/37


Doc. 36

Micabiba
31 dicembre 1937.

Ricevo dal Sac. Gerardo Mangion, procuratore della Chiesa, la somma di dodici scellini per suon d'organo durante la Novena e nell'ultimo giorno dell'anno 1937.
Ripeto £s 0-12-0 d.

Joseph Galea.


D-68

129 Str. S. Domenico
Valletta
15 - 8 - 38

Ricevo dal M. R. Sac.te Proc. Geraldo Mangion lire sterline venti sei per musica solenne eseguita in occasione della festa titolare di S. Maria della Micabiba dal dì 11 al 15 Agosto cioè triduo, due Vespri, Mattutino e Messa a piena orchestra.

Ripeto £26. 0. 0
Con vivi ringraziamenti
Mro. Vincenzo Bugeja


Doc. 48

Micabiba
24 aprile 1938

Dichiaro di ricevere dal Rev. Sac. G. Mangion, proc. Ven. Lamp. scellini tre e pence otto per bibite ragazzi cantori durante la messa rinnovazione voti battesimali fatta nella domenica in Albis

Ripeto 3/8 -
C Mangion


Doc. 52

30 Giugno 1938
Micabiba.

Dichiaro di ricevere dal Sac. G. Mangion, procuratore della Ven. Lamp. Micabiba, otto scellini e sei soldi per suon d'organo nel semestre gennaio-Giugno 1938

Ripeto 8s 6 d.
Joseph Galea.


VINCENZO BUGEJA
MAESTRO DI CAPPELLA
[illegible]
VALLETTA

31 Dicembre 1938

Ricevo dal molto Rev. Sac.te Proc. G. Mangion lire sterline quattro e scellini dieci per musica a voci, voci puerili ed organo eseguita nella Notte del Santo Natale nella Chiesa Parrocchiale della Micabiba il dì 25 Dicembre.

Ripeto £4. 10. 0
Con vivi ringraziamenti
Mro. Bugeja


D. 81

30 Dicembre 1938
Micabiba.

Dichiaro di aver ricevuto dal Sac. Gerardo Mangion, Procuratore Veneranda Lampade, la somma di dodici scellini per suon d'organo nella Novena e nella festa del Natale.

Ripeto £s 0-12-0.
Joseph Galea

Dichiaro di aver ricevuto dal suddetto otto scellini per suon d'organo nelle domeniche durante il semestre Luglio-Dicem.

Ripeto £s. 8-0.
Joseph Galea


D-69

14 Agosto 1938.

Ricevo dal Molto Rev.do Sac. Gerardo Magion, quale Proc.re della chiesa di Micabiba, la somma di due lire sterl.ne; che sono per suono d'organo durante i giorni del triduo, ed una messa a voce eseguita nell'ultimo giorno del triduo della festa titolare.

Ripeto £2- 0- 0
[illegible]
Mro di Musica.


14 St. Rocco str.
B'Kara
9 - 5 - 45

Lill Wisk Rev.
Cappillan Dun L. Spiteri. D.D.

Ta mużika eżegwita fil festa tal Kaddisim Kolla £4. 10.
u fil festa tal Via Sacra £4 - 0.
fil Knisja Parrokkjali ta S. Maria ta L'Mqabba

£8. 10

Mro. V. Bugeja

ir-residenzi differenti tas-surmast. Fis-snin ta' qabel il-gwerra l-indirizz miġjub fuq l-irċevuti huwa ta' 129 S.da S. Domenico, Valletta (1937 u Awwissu 1938), 38, S.da Fianco Flat 6, Valletta (Diċembru 1938), waqt li wara l-gwerra l-indirizz kien 14A, St Rocco Str. B'Kara (1945).

**L-irċevuti ta' Joseph Galea**

Għal xi snin Galea kien l-organista residenti tal-parroċċa[10] u għaldaqstant nifhmu li f'servizzi apparti mill-ġranet strettament festivi kien idoqq hu. L-eqdem irċevuta li għandna tiegħu ġejja mill-31 ta' Diċembru 1937, fejn jikkonferma l-ħlas ta' tnax-il xelin talli daqq l-orgni matul in-novena tal-Milied u fl-aħħar tas-sena.[11]

Irċevuta oħra ġejja minn Ġunju tas-sena ta' wara Galea tħallas tmien xelini u sitt soldi għas-servizzi ta' daqq tal-orgni li għamel minn Jannar sa Ġunju 1938.[12] Dawn is-servizzi mhux speċifikat x'kienu, imma nifhmu li jinkludu d-daqq tal-quddiesa kantata ta' kull nhar ta' Ħadd u xi okkażjonijiet komuni oħra.

Lejliet l-aħħar tas-sena Galea ta żewġ irċevuti f'nota waħda, l-ewwel waħda hija ta' tnax-il xelin għas-servizz mużikali fin-novena u għal nhar il-Milied; it-tieni waħda tgħid li tħallas tmien xelini għad-daqq tal-orgni fil-Ħdud minn Lulju sa Diċembru.[13]

Meta nqabblu dawn l-irċevuti ma' dawk ta' Bugeja maħruġin fl-istess żmien nifhmu li l-quddiesa ewlenija tal-Milied kienet dik ta' billejl, għax kienet issir bl-orkestra jew bil-vuċijiet; imbagħad nhar il-Milied kienet issir quddiesa bl-orgni.

**Irċevuti oħrajn**

Apparti dawn insibu żewġ irċevuti oħra, waħda ffirmata minn Ferdinando Falzon u l-oħra minn C. Mangion. Falzon tħallas £2 mingħand Dun Gerard Mangion nhar l-14 ta' Awwissu 1938 "*per suono d'organo durante i giorni del triduo, ed una messa a voce eseguita nell'ultimo giorno del triduo della festa titolare*."[14] Minn din nitgħallmu li kien jinġieb organista għall-quddies tat-tridijiet tal-festa titulari (li kienu jsiru filgħodu), apparti l-orkestra li kienet iddoqq waqt il-mutett u l-barka filgħaxija.

L-aħħar irċevuta hija indirettament konnessa mal-mużika. C. Mangion[15] jistqarr li nhar l-24 ta' April 1938 irċieva l-ħlas ta' tliet xelini u tmien soldi biex inxtara x-xorb għar-"*ragazzi cantori*" li kantaw waqt quddiesa li fiha ġew imġedda l-wegħdiet tal-magħmudija; din kienet issir il-Ħadd fuq il-Għid (jew *Dominica in albis* kif tissejjaħ fl-irċevuta).[16] Sekli kbar ilu s-sagramenti tal-inizjazzjoni nisranija kienu jsiru fil-vġili tal-Għid; wara kienet issir ġimgħa ta' tagħlim speċjali msejjaħ il-"mistagoġija" li kienet tispiċċa l-Ħadd ta' wara. It-tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija ġimgħa fuq il-Għid kienet il-fdal ta' din id-drawwa antika. Din kienet issir fl-Imqabba wkoll. L-importanza mogħtija lil din l-okkażjoni tidher mill-fatt li kienu jinġiebu l-kantanti barranin biex janimawha.

**Għeluq**

L-irċevuti pubblikati din is-sena jgħinuna nifhmu ftit aktar l-importanza mogħtija mill-kappillani tal-imgħoddi lir-rwol ta' mużika xierqa fil-liturġija, fejn ma kienux jiddejqu jħallsu biex ikollhom prodott sew. Hawn għandna napprezzaw aktar ix-xogħol li jagħmlu l-organisti u l-kor parrokkjali matul is-sena kollha, xogħol li spiss mhux apprezzat u li jsir bla ħlas. Id-dettalji ġodda pubblikati hawn għall-ewwel darba huma wkoll utli biex nifhmu ftit aktar sew kif kienet il-ħajja tal-parroċċa tagħna fi żmien li llum huwa għal kollox minsi.

**Referenzi**

1 Għal studju dettaljat dwar l-attività mużikali fl-Imqabba tul is-sekli, u fejn jissemmew ftit mill-ħlasijiet li se nsemmi f'dan l-artiklu, ara: Noel D'Anastas, "L-attività mużikali fil-parroċċa Marjana tal-Imqabba," *Sicut Lilium*, ed. Charles J. Farrugia (Malta: Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba, 2012), 501-552.

2 D'Anastas, 505.

3 Jonathan Farrugia, *L-Imqabba 9 ta' April 1942* (Malta: Parroċċa Santa Marija, l-Imqabba, 2017), 78-84.

4 Fl-arkivju parrokkjali u fir-reġistri tal-Arkivju Arċiveskovili nsibu numru ta' referenzi għall-ħlasijiet lill-mużiċisti li kienu jinġiebu fl-Imqabba biex idoqqu fil-festa titulari sa mis-seklu tmintax. Dan nafuh mill-viżta pastorali tal-Isqof de Bussan li saret f'Settembru tal-1745, fejn tissemma l-quddiesa kantata li kienet issir fil-15 ta' Awwissu bħala parti mill-festa ewlenija tal-parroċċa, cfr AAM, *Visitatio De Bussan* 1744-1751, 350r.

5 Irċevuta mingħand Vincenzo Bugeja, 16 ta' Awwissu 1937, "Doc. 13".

6 Irċevuta mingħand Vincenzo Bugeja, 26 ta' Diċembru 1937, "Doc. 33".

7 Irċevuta mingħand Vincenzo Bugeja, 15 ta' Awwissu 1938, "Doc. 68".

8 Irċevuta mingħand Vincenzo Bugeja, 31 ta' Diċembru 1938, "Doc. 93".

9 Irċevuta mingħand Vincenzo Bugeja, 9 ta' Mejju 1945.

10 Din l-informazzjoni kien tahieli ibnu Victor, bandist mal-Banda Re Ġorġ V, meta kont għandi bandist jien, jiġifieri qabel l-2001.

11 Irċevuta mingħand Joseph Galea, 31 ta' Diċembru 1937, "Doc. 36".

12 Irċevuta mingħand Joseph Galea, 30 ta' Ġunju 1938, "Doc. 52".

13 Irċevuta mingħand Joseph Galea, 30 ta' Diċembru 1938, "Doc. 81".

14 Irċevuta mingħand Ferdinando Falzon, 14 ta' Awwissu 1937, "Doc. 69".

15 Ma rnexxilhiex nidentifika min kien jew kienet C. Mangion, imma nifhmu li kien xi ħadd li jgħin fil-parroċċa.

16 Irċevuta mingħand C. Mangion, 24 ta' April 1938, "Doc. 48".